# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru: 14**
**Rikors Numru: 1174/2011 JPG**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**VS**

**Alexander Jan Edward Van Reeven [Nru. ta' Passaport Olandiz NF3121922] u Jeanette Marie Van Reeven [ID 18086A] in solidum u bejniethom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited (C3143), Maximilian sive Max Borg Bonello (ID: 44574M) debitament awtorizzat, ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta, bil-gurament tieghu jiddikkjara illi jaf is-segwenti fatti personalment, datata 25 ta' Novembru 2011, (vide fol 1 et seq), u ghaldaqstant jesponi bir-rispett;

1. *Illi fl-20 ta' Ottubru, 2008 is-socjeta` GasanMamo harget polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 tat-tip "Third Party Fire & Theft" fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta` ta' l-intimata Jeanette Marie van Reeven; liema polza kienet tkopri lill-assikurata u lil kull sewwieq awtorizzat minnha skond ittermini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza;*

2. *Illi fil-5 ta' Jannar, 2009, waqt illi l-vettura imsemmija kienet qed tinstaq fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, mill-intimat Alexander van Reeven, bin l-assikurata tas-socjeta` rikorrenti, sehh incident awtomobilistiku illi fih kienu nvoluti wkoll il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBV 384 proprjeta` ta' Emmanuel Lawrence Schembri, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 075 proprjeta' ta' Maria Katarina Schembri, kif ukoll proprjeta' privata ta' Stephen Attard – u dana bhalma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija anness fir-rikors u mmarkat bhala Dok. GMI. 1;*

3. *Illi fil-hin ta' l-incident, l-intimat Alexander van Reeven, irraporta lill-Pulizija li l-vettura tieghu kienet giet nieqsa waqt illi kien halliha ipparkjata f'Tas-Sliema, u mistoqsi kif kien sehh l-incident qal "I wouldn't have a clue", u dana bhalma jirrizulta mill-istess rapport Dok. GMI. 1;*

4. *Illi permezz ta' claim irregistrata mill-intimati mas-socjeta' rikorrenti fis-6 ta' Jannar, 2009, l-intimat Alexander van Reeven iddikkjara illi kien xorob "a couple of beers" fl-istabbiliment 'Black Gold' f'Tas-Sliema, u wara illi telaq minn Tas-Sliema u kien qed isuq lejn il-Birgu tilef il-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763, ikkawza l-incident de quo u telaq minn fuq il-post ta' l-incident allegatament biex isejjah il-Pulizija. Waqt illi kien miexi lejn id-dghajsa tieghu fil-Birgu, il-Pulizija kkuntattjaw lill-ommu l-intimata Jeanette Marie van Reeven, illi qaltilhom illi l-vettura kienet qed tinstaq minn binha l-intimat Alexander van Reeven, illi qaltilhom illi l-vettura kienet qed tinstaq minn binha l-intimat Alexander van Reeven. Mistoqsi il-ghalfejn irraporta serqa tal-vettura lill-Pulizija, l-intimat Alexander van Reeven qal illi "I would not have a clue", u li ma kellux ideja ghal xiex kienu qed jghidu l-Pulizija fir-rapport taghhom. L-intimat Alexander van Reeven zied ukoll jghid illi kien xorob erba' fliexken (presubbilment tal-birra) – u dana bhalma jirrizulta mill-claim form anness fir-rikors u mmarkat bhala Dok. GMI. 2;*

*5. Illi ghaldaqstant u ex admissis, l-intimat Alexander van Reeven kien qed isuq il-vettura in kwistjoni taht l-influenza tax-xorb, u b'hekk kiser it-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza;*

*6. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, datata 24 ta' Frar, 2009, l-intimat Alexander van Reeven instab hati fuq l-akkuza illi ghamel rapport falz illi Pulizija in konnessjoni mal-incident de quo, u dana bhalma jirrizulta mill-kopja tas-sentenza annessa fir-rikors u mmarkata bhala Dok. GMI.3, u minhabba f'hekk ukoll kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza in kwistjoni illi jirrikjedu illi l-assikurat izomm lis-socjeta' rikorrenti f'relazzjoni in uberrimae fides, u li jzomm l-oghla livelli ta' onesta` u genwinita` f'kull hin u mument sa fejn dan huwa relatat ma' xi claim li jkun ghamel mal-istess socjeta` rikorrenti;*

*7. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-ismijiet "Maria Katerina Schembri – vs- Jeanette Marie van Reeven u Alexander van Reeven" [Arb. Nru. M1998/2009] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Joseph M. Buttigieg fil-11 ta' Mejju, 2010, l-intimat Alexander van Reeven gie ddikjarat bhala risponsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Maria Katerina Schembri s-somma ta' ghaxart elef u hamsa u sittin Euro u disgha u hamsin Eurocentezmi (€10,065.59) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini ta' l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta – Dok. GMI. 4 u Dok.GMI. 5;*

*8. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-ismijiet "Emmanuel Schembri –vs- Jeanette Marie van Reeven u Alexander van Reeven" [Arb. Nru. M2000/2009] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Richard Galea Debono fit-8 ta' April, 2010, l-intimat Alexander van Reeven gie ddikjarat bhala risponsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Emmanuel Schembri s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u disgha u tmenin Euro u tlieta u erbghin Eurocentezmi (€10,489.43) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini ta' l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta – Dok. GMI. 6 u Dok.GMI. 7;*

*9. Illi inoltre dawn l-ispejjez, is-socjeta` rikorrenti hallset ukoll is-somma ta' erbgha u disghin Euro u tmienja u disghin Eurocentezmi (€94.98) ghal survey reports illi saru fuq il-vetturi tat-terzi persuni involuti;*

*10. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti sal-lum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00);*

*11. Illi ghal dawn id-danni jahtu l-intimati in solidum u bejniethom, u dana stante li l-intimata Jeanette Marie van Reeven ippermettiet illi l-vettura assikurata f'isimha tinstaq minn persuna illi kienet qed issuq fi stat intossikat; u stante illi l-intimat l-iehor Alexander van Reeven kiser ittermini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni, u dana fuq premess;*

*12. Illi interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficcjali datata 26 ta' Novembru, 2009, l-intimati baqghu inadempjenti; u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni;*

*Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:*

1. *Tiddikjara li bl-eghmil taghhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 mahruga mis-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta' ta' l-intimata Jeanette Marie van Reeven;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00), jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati, in solidum u bejniethom sabiex ihallsu s-somma hekk illikwidata;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-26 ta' Novembru, 2009, u dak tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Alexander Jan Edward Van Reeven (Passaport Oalandiz Nru NF3121922) u Jeanette Marie Van Reeven (ID. 18086(A)), datata 20 ta' Dicembru 2011, (vide fol 40 et seq), li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament il-konvenuta Jeanette Van Reeven ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li diga tezisti decizjoni ta' arbitragg li tezonera kompletament lill-konvenuta Jeanette Van Reeven. Din id-decizjoni hija fl-ismijiet Maria Katerina Schembri vs Jeanette Marie Van Reeven et. deciza fil-11 ta' Mejju, 2010 mill-Arbitru Dr. Joseph M. Buttigieg. Ghalhekk jezisti gudikat ghar-rigward ta' l-incident in kwistjoni u konsegwentement il-lodo l-iehor citat moghti mill-Arbitru Dr. Richard Galea Debono li jidher li huwa kontradittorju ghal dan m'ghandux ikollu effett fejn dan jaffettwa lillkonvenuta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll il-proceduri arbitrali imsemmija kien gew kontestati fuq indoli kostituzzjonali. Fil-frattemp inghatat decizjoni (H. Vassallo & Sons Ltd. vs Avukat Generali, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011) fejn gie dikjarat illi tali proceduri ta' arbitragg mandatarju effettivament ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali ta' smiegh xieraq. F'dawn ic-cirkostanzi d-decizjonijiet a bazi ta' liema s-socjeta` attrici qed tipprocedi f'din il-kawza qed jigu kontestati.*

3. *Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront talkonvenut Alexander Van Reeven stante' illi huwa ma kienx taht l-influwenza tax-xorb meta sehh l-incident u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u ghalhekk ma kiser l-ebda kundizzjonijiet tal-polza. B'konsegwenza ta' dan xejn mhu dovut minnu lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Jeanette Van Reevan ukoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi l-konvenuta wkoll ma kisret l-ebda kundizzjoni tal-polza meta ppermettiet lil binha isuq ilvettura in kwistjoni u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt issmiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju d-danni reklamati huma eccessivi.*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Alexander Jan Edward Van Reeven (Passaport Oalandiz nru NF3121922) u Jeanette Marie Van Reeven (ID. 18086(A)), datata fit-3 ta' April 2012, (vide fol 48 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited (C3143), datata 29 ta' Mejju 2012, (vide fol 57 et seq);

Rat in-nota' ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta' GasanMamo Insurance Limited (C-3143), datata 28 ta' Frar 2017, (vide fol 363 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-Intimati, datata 27 ta' Marzu 2017, (vide fol 380 v et seq);

Rat id-decizjoni tal-Qorti kif diversament preseduta, datata 11 ta' Frar 2013;

Rat id-decizjoni tal-Qorti kif diversament preseduta, datata 5 ta' Novembru 2013;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Max Borg Bonello** xehed permezz ta' affidavit a fol 255 *et seq* illi l-intimata Jeanette van Reeven kellha polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta rikorrenti ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBE-763 tat-tip Third Party Fire and Theft", li kienet tkopri lilha u lil sewwieqa ohra awtorizzati minnha.

Spjega illi fis-6 ta' Jannar 2009 kienu marru l-ufficju taghhom Emmanuel Lawrence Schembri u Maria Katarina Schembri u qalulhom illi l-gurnata ta' qabel l-vettura assikurata minnhom kienet involuta f'incident waqt li kien qed isuq Alexander Jan van Reeven, b'kawza ta' liema incident, huma sofrew danni fil-vetturi taghhom. Kompla illi fl-istess jum Jeanette Marie van Reeven kienet marret l-ufficju taghhom sabiex tirregistra *claim,* fejn binha kien qalilhom illi huwa kien xorob "*a couple of beers*" fil-bar Black Gold tas-Sliema, u wara li telaq u kien qed isuq lejn il-Birgu, tilef il-kontroll tal-vettura, kkawza l-incident in kwistjoni u telaq minn fuq il-post biex isejjah lil pulizija. Irrizulta illi l-istess Alexander Jan van Reeven kien irrapporta lil pulizija li l-vettura giet nieqsa wara li pparkjaha f'tas-Sliema, u ma kienx jaf kif gara l-incident. Filfatt kien instab hati illi ghamel rapport falz permezz ta' sentenza tal-Qorti data 24 ta' Frar 2009.

Xehed illi peress li minn dak li kien qal Alexander Jan van Reeven, kien jirrizulta illi meta sehh l-incident, kien qed isuq il-vettura taht l-influenza tal-alcohol, is-socjeta rikorrenti kienet informat lil Jeanette Marie van Reeven illi ma kienx hemm kopertura assikurattiva, u dan ai termini tal-General Exceptions, Numru 1, Punt 4 tal-kondizzjonijiet tal-polza. Kompla illi fis-16 ta' April 2009, Emanuel Lawrence Schembri u Maria Katarina Schembri kienu prezentaw ittri ufficjali kontra l-intimati u s-socjeta rikorrenti permezz ta' liema, talbu l-hlas ghad-danni ta' €8,814.84 u €8,483.84 rispettivament, u ghalhekk kienu nformaw lill-intimati sabiex jersqu ghall-hlas tad-dani biex jevitaw spejjez inutli. Pero l-intimati ma kienux hallsu d-danni reklamati minn Schembri li fethu proceduri ta' arbitragg kontra l-partijiet.

Kompla illi permezz ta' lodo moghti mill-Arbitru Av. Dr. Richard Galea Debono datat 8 ta' April 2010, fl-arbitragg numru M2000/2009 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Jeanette Marie van Reeven et, Alexander van Reeven gie ddikjarat responsabbli ghall-incident in kwistjoni u s-socjeta rikorrenti kienet hallset lil Emanuel Schembri s-somma ta' ghaxart elef, erbgha mija u disgha u tmenin ewro punt tlieta u erbghin centezmi (€10,489.43) in linja ta' danni, spejjez u mghaxijiet. Barra minn hekk permezz ta' lodo moghti mill-Arbitru Av. Joseph M. Buttigieg datat 11 ta' Mejju 2010 fl-arbitragg numru M2000/2009 fl-ismijiet Maria Katarina Schembri vs Jeanette Marie van Reeven et, Alexander van Reeven gie ddikjarat responsabbli ghal-incident in kwistjoni u s-socjeta rikorrenti kienet hallset lil Schembri s-somma ta' ghaxart elef u hamsa u sittin ewro punt disgha u hamsin centezmi (€10,065.59) in linja ta' danni, spejjez u mghaxijiet. Spjega ghalhekk illi s-socjeta

rikorrenti hija dovuta mill-intimati is-somma ta‘ ghaxart elef, erbgha mija u disgha u tmenin ewro punt tlieta u erbghin centezmi (€10,489.43) rapprzentanti d-danni, spejjez u imghaxijiet li hallsu lil Emanuel Schembri, ghaxart elef u hamsa u sittin ewro punt disgha u hamsin centezmi (€10,065.59) rapprezentanti d-danni, spejjez imghaxijiet li hallsu lil Maria Katarina Scembri u €94.98 rapprezentanti spejjez konnessi ma‘ s*urvey reports.*

**Stephen Cachia,** rappresentant ta‘ Transport Malta a fol 303 xehed illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBE 763 hija rregistrara fuq isem Janette Marie Van Reeven u kien hemm polza ta’ assikurazzjoni li tkopri l-perjodu mis-7 ta’ Lulju 2008 sat-30 ta’ Gunju 2009.

**Carmelo Bonello** xehed a fol 317 *et seq* u 333 E *et seq* illi fiz-zmien tal-incident in kwistjoni kien pulizija stazzjonat l-ghassa ta’ Bormla. Spjega illi fil-5 ta‘ Jannar 2009 ghall-habta ta‘ 3.40am l-pulizija kienet giet informata li kien hemm kollizzjoni fi Triq Ghajn Dwieli u ghalhekk kien mar fuq il-post fejn kien ra karzza mahbuta go garaxx, u zewg karozzi li kienu pparkjata mal-genb kellhom hsarat fuqhom. Xehed illi huwa ma rax lil Alexander van Reeven fuq il-post.

**L-Ispettur Fabian Fleri** xehed a fol 333A *et seq* illi fil-5 ta’ Jannar 2009 kien sar rapport li nstabet vettura abbandunata mahbuta go garaxx fi Triq Ghajn Dwieli, li kienet habtet ukoll ma zewg karozzi pparkjati, u kien mar jinvestiga fuq il-post Carmelo Bonello. , li kien irrapurtalu li s-sewwieq tal-vettura Alexander van Reeven kien ghamel rapport li l-vettura kienet insterqitlu. Ghalhekk hu kien investiga l-kaz, u peress illi l-verzjoni li ta’ Alexander van Reeven ta’ kif insterqitlu l-karozza ma kienetx konvincenti, kienu procedew bl-arrest tieghu dakinhar stess fil-5 ta’ Jannar 2009 fejn kien ammetta illi filfatt kien hu li kien qed isuq meta sehh l-incident, u kien ammetta wkoll l-akkuzi quddiem il-Qorti fl-24 ta’ Frar 2009.

**Jeanette Marie van Reeven** xehdet permezz ta’ affidavit a fol 345 *et seq* illi fiz-zmien meta xtrat il-vettura in kwistjoni, binha Alexander kellu 28 sena, kellu impjieg fiss, u kienet taf li sewwieq attent u ixrob biss f’okkazzjonijiet socjali, u ghalhekk ma sabet ebda problema thallieh isuq din il-karozza. Xehdet illi filfatt matul iz-zmien Alexander kien juza din il-karozza huwa qatt ma kien involut f’incident apparti dak mertu ta’ din il-kawza. Spjegat li fil-jum tal-incident, il-pulizija kienu cemplulha u staqsew jekk il-karozza in

kwistjoni kienet proprjeta taghha u kienu talbuha tmur l-ghassa ta' Bormla, fejn kienet sabet lil binha. Xehdet li kienet giet interrogata mill-pulizija dwar l-incident fejn kienet qalet illi binha kellu l-permess taghha biex isuq il-karozza. Kompliet li eventwalment bdew jircievu ittri mis-socjeta ntimata, jinterpellawhom sabiex ihallsu d-danni kkawzati liz-zewg karozzi l-ohra, izda hi hasset li ma kelliex tohrog flus ghax kienet assikurata, u barra minn hekk, thoss illi l-ammont mitlub huwa esagerat.

**In kontro-ezami** a fol 357 *et seq* xehdet **illi hi ma kienetx taf li binha kien qed jixrob qabel l-incident in kwistjoni**. Xehdet illi hija kienet flimkien ma' binha il-gurnata ta' qabel l-incident, u illi x drabi kienet tohrog socjalment ma' binha, li qatt ma kien jixrob hafna, izda biss xi birra jew tnejn. Xehdet ukoll illi taf li binha huwa sewwieq attent ghaliex kemm l-darba rikbet fil-karozza mieghu waqt li kien qed isuq.

**Alexander Jan van Reeven** xehed permezz ta' affidavit a fol 347 *et seq* illi ghalkemm kien ilu sena jsuq il-karozza in kwistjoni qabel ma sehh l-incident **qatt ma kellu incident iehor qabel dak in kwistjoni, u qatt ma kellu incident iehor wara**. Xehed illi fil-jum in kwistjoni kien telaq mid-dar t'ommu fl-4 ta' Jannar wara nofsinhar, biex imur ghand habib tieghu, u waqt li kien hemmhekk, faqghet maltempata kbira u ghalhekk iddecieda li jitlaq mid-dar biex imur fuq id-dghajsa ftit qabel. Kompla illi meta kien f'Rahal Gdid fi Triq Ghajn Dwieli, sab li t-triq kienet tizloq hafna u ghalhekk kien spicca tilef il-kontroll tal-karozza u habat ma zewg karozzi ohra pparkjati. Peress li l-karozza ma setghatx tinstaq u anke il-ghaliex kien fi stat ta' xokk, Van Reeven kien iddecieda li jimxi lura sal-*yacht.* Xehed illi l-pulizija kienu ikkuntatjawh ftit wara u haduh l-ghassa ta' Bormla fejn minhabba x-xokk u l-paniku kien qal lil pulizija li l-karozza kienet insterqet, izda meta gie interrogat mill-ewwel ammetta li l-karozza ma kienetx giet misruqa izda kien qed isuqha hu. Cahad illi kienet taht l-effett tal-alkohol, u xehed illi kien ha biss zewgt birrer wara nofsinhar, tant illi l-pulizija lanqas talub jaghmel *breathilizer* test.

**In kontro-ezami** a fol 351 *et seq* xehed **illi hu telaq mid-dar tal-habib tieghu f'tas-Sliema ghal habta tat-tlieta ta' filghodu**. Cahad illi huwa ma kienx ghand habib tieghu izda kien f'bar jismu Black Gold, ghaliex go dan il-bar kien wara nofisnhar, u qal li hu kien informa lil Ispettur Fabian Fleri dwar dan.  Ikkonferma illi s-socjeta rikorrenti hallset lil terzi persuni a bazi tad-decizjonijiet tal-arbitraggi rigward l-incident in kwistjoni. Xehed ukoll illi huwa ma kellem lil hadd qabel ma kellmuh il-pulizija.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti taghraf illi l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa kuntratt ibbazat fuq l-**uberrimae fides** bejn il-kontendenti ghaliex huwa kuntratt ibbazat fuq riskju fortuwitu u ghalhekk s-socjeta' assiguratrici tippretendi li matul d-durata tal-kuntratt hija tigi mgharrfa pienament b'cirkostanzi mill-assikurat stess li jistghu jbiddlu l-element ta'riskju f'wiehed akar oghli.

Infatti skond il-gurisprudenza nostrali fis-sentenza, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kienet iccittat lil Lord Mansfield fil-kaz **Carter vs Boehm,** meta dana spjega illi:-

> ***"Insurance is a contract upon speculation. The special facts upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".***

Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad irrilevat illi:

> *"l-mistoqsijiet legali jikkonċernaw l-aktar il-materjalita` tal-fatt, u kif din tigi ggudikata.* ***Fatt ikun materjali jekk jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur ragonevoli jew prudenti dwar jekk jaccettax ir-riskju jew liema tariffi se jitlob. Dan ma jfissirx necessarjament illi l-assiguratur necessarjament kien jagixxi b'mod differenti kieku kien jaf bil-fatti, izda biss li kien ikun irid jaf bil-fatt meta jkun qed jiehu d-decizjoni.***
>
> ***(Ara Container Transport Intl Inc vs Oceanus Mutual Undewriting Association (Bermuda) Ltd – 1994)".***

F'din is-Sentenza giet ukoll iccittata s-sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef vs Jovin Rausi,** deciza nhar is-**27 ta' Ottubru 2004** per **Onor. Mhallef Dr. Philip Sciberras** fejn intqal illi:-

***"In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assiguratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi influwenti meta jokkorri l-event dannuz assigurat, li kapaci jkabbru jew jirriducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assigurat jew il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Problemi dawn ta' l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili".***

Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad ghamlet referenza ghall-**Artikolu 10(5)** tal-**Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta,** illi jispjega s-sostanzjalita` tal-fatti mistura jew rapprezentati b'mod hazin kif gej:

***"F'dan l-Artikolu, il-kelma "sostanzjali" tfisser ta' xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u f'dan il-kaz, b'liema premium u taht liema kundizzjonijiet".***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe,** deciza mill-**Qorti ta' l-Appell** nhar id-**9 ta' Frar 2001**, gie enuncjat illi l-obbligu illi l-assigurat jiddikjara fatt materjali jezisti *"irrispettivament minn jekk hu* [l-assigurat] *kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta`* [l-assiguratur] *illi jaghmel hekk".*

Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet **Mambra Electronics Limited et vs Lloyds (Malta) Limited noe,** deciza nhar id-**29 ta' April 2010** per **Onor.Mhallef Dr. Abigail Lofaro,** gie ritenut illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni illi min jitlob assigurazzjoni jkun onest mas-socjeta` ta' l-assigurazzjoni, u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz u saret referenza ghal **Rozanes vs Bowen** deciza fis-sena **1928** mill-**Qrati Inglizi,** , fejn gie osservat illi:

***"It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full***

***disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith".***

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et,** deciza nhar il-**25 ta' Gunju 1962** per **Onor. Mhallef Dr. Joseph H. Xuereb** gie ritenut illi:

> ***"il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meqjus bhala wiehed ta' l-aqwa bona fede u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalli illi jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi huwa generalment ritenut illi l-proponent huwa fid-dmir illi jsemmi kull fatt illi ragjonevolment ghandu jhoss illi huwa relevanti ghall-assiguratur illi jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi".***

Vide ukoll sentenzi **SMS Insurance Agency Limited noe vs Marco Attard,** deciza nhar is-**6 ta' Marzu 2006** per **Onor.Mhallef Dr. Lino Farrugia Sacco**; u **Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe,** deciza nhar il-**31 ta' Jannar 1952** mill- **Qorti tal-Kummerc**.

Illi l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal dak li ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Ċitazzjoni Numru: 128/1999/1) fl-ismijiet **Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg**:

> ***"Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jiġi osservat fil-liġi dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni tal-assigurat. … <u>Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma żvelax xi fatti materjali, jew għamel rappreżentazzjoni ħażina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides."</u>***(Enfasi ta' din l-Qorti)

Di piu l-onus probandi ghal tali frodi, misrapprezentazzjoni jew ksur iehor ta' dmir ta' uberrimae fides jaspetta lis-socjeta' assigurattrici.

Fir-rigward tal-principju ta' *uberimma fides*, jew *utmost good faith,* u r-rimedji applikabbli fil-kaz ta' ksur ta' dan l-obbligu, intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Manifest Shipping & Co. Ltd v Uni-Polaris Insurance Co Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliz illi:

> "[i]*t was common ground between assured and underwriters that the duty of utmost good faith continues to subsist after the making of the contract. There is less common ground as to the content of the duty or as to the remedy for breach of the duty. Whatever its origin, there is force in the argument that the scope of the duty of utmost good faith will alter according to whether underwriters have to make a decision under the policy or the assured decides to make a claim, and may also be affected according to the stage of the relationship at which the scope of the duty becomes material.*"[1]

Huwa car illi dan l-obbligu ma jieqafx hekk kif jigi konkluz il-kuntratt bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni, izda jibqa' jissussisti sakemm tibqa' in ezistenza l-polza ta' assikurazzjoni. Kif qal l-Imhallef Hirst J fis-sentenza fl-ismijiet **Black King Shipping Corp v Massie (The Litsion Pride)** l-obbligu ta' *uberrimae fidei* huwa applikabbli "*…whenever there is a contractual duty for the insured to give the underwriter information.*"[2] Pero, kif jidher mill-izviluppi fil-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi, l-obbligu ta' uberimmae fides u r-rimedji ghall-ksur ta' dan l-obbligu, huma limitati wara li jigi konkluz il-kuntratt, u partikolarment fir-rigward ta' *claims* frawdolenti intqal illi dawn il-kazijiet ghandhom jigu regolati b'referenza ghal principju illi wiehed m'ghandux jithalla jibbenefika mill-frodi tieghu.[3]

Fil-gurisprudenza tal-Qrati Ingliza jidher ukoll li huwa accettat il-principju li l-obbligu ta' *uberrima fides* ma jorbotx biss lill-assikurat, izda anke li assikurazzjoni, u filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Drake Insurance plc vs Provident Insurance plc** intqal illi:

> "[t]*he doctrine of good faith should be capable of limiting the insurer's right to avoid in circumstances where that remedy…would operate*

[1] [1997] 1 Lloyd's Rep 360, 370.
[2] [1985] 1 Lloyd's Rep 437. Vide wkoll The Captain Panagos DP [1986] 2 Lloyd's Rep 470.
[3] Vide K/S Merc-Skandia xxxxii v Certain Lloyd's Underwriters [2001] 2 Lloyd's Rep 563, Agapitos v Agnew (The Aegeon) [2002] Lloyd's Rep I R 573, Bonner v Cox Dedicated Corporate Member Ltd [2006] Lloyd's Rep I R 385, HLB Kidsons (A Firm) v Lloyd's Underwriters [2008] EWCA Civ 1206.

*unfairly...**It may be necessary to give wider effect to the doctrine of good faith and recognize that its impact may demand that ultimately regard must be had to a concept of proportionality implicit in fair dealing**.*"[4]

Dan il-principju huwa filfatt accettat ukoll mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet **Gordon Borda vs Elmo Insurance Agency et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 2004 fejn intqal illi:

"*…**il-prinipju ta' uberrima fides jorbot mhux biss lill-assikurat iżda liż-żewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgieba taghha s-socjetà konvenuta qieghda twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza**.*"

Kif tajjeb ifiehem **Semin Park** fil-**The Duty of Disclore in Insurance Contract Law (1996) Dartmouth**:

"***uberrimae fidei must not be indcriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims."***

Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioe' *utmost good faith*, ma japplikax **biss** ghall-assigurat , izda japplika **ukoll** ghas-socjeta assiguratrici.

Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-**31 ta' Ottubru, 2007** fl-ismijiet **Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe**:

***"Illi fil-fatt jirriżulta għalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika għaż-żewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell[5] ikkonfermat li s-soċjeta assikurattrici hija wkoll marbuta b'dan il-***

[4] [2004] QB 601, [87]–[89].
[5] ***Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe (6 ta' April 2006 - App Ċiv Nru: 907/1996)***

***prinċipju ta' uberrima fides u b'hekk l-imġiba tas-socjeta assikurattriċi ma għandhiex tkun li twaqqa' dan il-prinċipju minn wieħed ta' bona fides għal wieħed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-polza…".***

**Vide wkoll Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine (P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003); Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); Joseph Rizzo vs John Formosa nomine et (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002).**

F'dan il-kaz jirrizulta ampjament u m'huwiex kontestat, li kien Alexander van Reeven, u mhux ommu Jeanette van Reeven, ossia l-*policy holder,* li ghamel rapport falz lil pulizija. Jirrizulta wkoll illi l-verzjoni moghtija minn Jeanette van Reeven meta giet mitkellma mill-pulizija kienet mill-ewwel illi kien binha li kien qed isuq il-karozza, u ma jidhirx illi qatt allegat li l-vettura kienet insterqet. Jirrizulta wkoll illi meta l-intimati marru l-ufficju tas-socjeta rikorrenti sabiex jirregistraw *claim,* il-verzjoni moghtija minnhom kienet wahda vertiera, u cioe illi Alexander van Reeven kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni, tilef il-kontrol taghha u kkawza l-incident in kwistjoni. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll illi qabel ma kellem pulizija u qalilhom li l-karozza kienet insterqet, huwa ma kien tkellem ma hadd, u ghalhekk lanqas jista' jinghad illi kienet Jeanette Van Reeven li taghtu struzzjonijiet jew imqar l-idea li jigdeb lil pulizija rigward x'kien verament gara.

Hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-rapport falz maghmul minn Alexander van Reeven ma jwassalx ghal ksur tal-obbligu ta' uberrimae fides, u dan ghal zewg ragunijiet. **L-ewwel nett, hija Jeanette van Reeven li hija marbuta bl-obbligu ta' *uberrima fides* u dan ghaliex hi hija l-*policy holder*.** Ghalhekk, ir-rapport falz maghmul minn binha ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzjoni illi hija kisret l-obbligu taghha ta' *uberrimae fides* versu s-socjeta rikorrenti, galadarba ma jirrizultax illi hija b'xi mod kellha x'taqsam ma dan ir-rapport falz, u a kuntrarju qalet il-verita mill-ewwel, kemm lil pulizija kif ukoll lis-socjeta rikorrenti. It-tieni nett, ma jirrizultax illi saret xi *claim* falza jew frawdolenti minn Jeanette van Reeven, jew li s-socjeta rikorrenti giet indotta fi zball minhabba r-rapport falz li sar minn binha. Jirrizulta anzi li ghalkemm Alexander van Reeven originarjament ghamel rapport falz mal-pulizija li l-vettura kienet insterqet, huwa biddel il-verzjoni tieghu ftit tal-hin wara, u meta l-intimati marru jirregistraw il-*claim* mas-socjeta

rikorrenti, mill-ewwel taw il-verzjoni veritiera ta' dak li gara. Tant ir-rapport falz ma kellu l-ebda impatt fuq il-*claim* miftuha, li jirrizulta li s-socjeta rikorrenti saret taf bih wara li kienet irregistrat il-*claim* skont kif qalulha l-intimati fl-ufficju taghha, u cioe li l-incident kien sehh waqt li kien qed isuq Alexander van Reeven.

Ikkonsidrat il-fatt illi anke s-socjeta rikorrenti hija marbuta bil-principju ta' *uberrima fides,* s-socjeta rikorrenti ma tistghax tahrab mill-obbligi taghha sempliciment ghaliex Alexander van Reeven, u mhux il-*policy holder,* inizjalment ghamel rapport falz lill-pulizija, liema rapport ma kellu l-ebda effett fuq is-socjeta rikorrenti, specjalment minhabba illi Jeanette van Reeven, u cioe il-*policy holder,* kienet mill-bidu nett onesta fuq dak li gara, u ghalhekk qatt ma giet indotta fi zball.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti trid issa ghalhekk tara jekk tapplikax l-eccezzjoni ghall-polza invokata mis-socjeta rikorrenti, u cioe illi s-socjeta rikorrenti m'hijiex tenuta thallas ghaliex is-sewwieq kien taht l-effett tal-alkohol.

Dak li jehtieg isir l-ewwel nett huwa li tigi intepretata l-frasi "*..under the influence of intoxicating liquor..*" fil-klawsola invokata mis-socjeta rikorrenti, u dan sabiex jigi ddeterminat jekk din il-frasi tfissirx illi l-fatt li s-sewwieq ikun xorob, anke jekk inqas mill-limitu permess mill-ligi, huwiex bizzejjed biex is-socjeta rikorrenti tinvoka l-applikazzjoni ta' din il-klawsola.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Edwin Scicluna et vs Fogg Limited et noe** datata 15 ta' April 2004, din il-Qorti diversament presjeduta irrilevat illi:

> "*…huwa maghruf ukoll bhala principju ta' dritt li l-kuntratti kollha, maghdud maghhom dak tal-assikurazzjoni, ghandhom jitwettqu in bona fide mill-partijiet kollha fihom. Fost l-effetti ta' din ir-regola wiehed isib li* ***tifsira in bona fide ta' polza ta' assikurazzjoni ma tistax twassal ghal esklużjonijiet x'aktarx imgebbda u artificjali****;*

> ***Illi wahda mir-regoli stabiliti tat-tifsir tal-kuntratti tal-assikurazzjoni tipprovdi wkoll li, f'każ li frażi f'polza ta' assikurazzjoni tkun tista' titfisser f'iżjed minn mod wiehed jew hija ambigwa, dik il-frażi ghandha titfisser contra proferentem, jigifieri kontra dik il-parti li fasslitha u favur il-parti l-ohra. Fir-rejalta' tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, dan ifisser li, x'aktarx iva milli le, it-tifsira li tinghata trid tkun favur il-parti assikurata, ladarba l-kuntratt jitfassal u jithejja mill-assikuratur biss***;"

Hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi, applikat il-principju hawn fuq imsemmija, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata l-frazi "*under the influence of intoxicating liquor"* hija illi s-sewwieq in kwistjoni irid ikun ikkonsma ammont ta' alcohol li jmur oltre l-limitu permess mill-ligi sabiex tiskatta l-applikazzjoni ta' din il-klawsola, li altrimenti tkun ghal kollox drakonjana u tkun tista' twassal ghal sitwazzjoni irragonevoli fejn sewwieq li jkun segwa strettament id-dettami tal-ligi, xorta wahda isib ruhu skopert mill-polza tal-assikurazzjoni tieghu.

Huwa principju stabbilit f'kawza ta' natura civili illi *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat.* Ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti l-oneru li tressaq prova sal-grad rikjest fil-kamp civili illi Alexander van Reeven kien xorob iktar mill-ammont permissibli mill-ligi meta sehh l-incident in kwistjoni.

Il-Qorti taghraf illi huwa minnu li van Reeven stess qal *ex admissis* ili hu kien xorob bejn tnejn sa erbgha flixkien birra qabel ma' saq, u ghalkemm jghid li huwa kien xorob dawn il-flixkien wara nofsinhar, u mhux ezatt qabel ma' saq, il-Qorti ma tantx hija konvinta b'din il-verzjoni u tqis illi hija aktar affidabbli il-verzjoni li ta *a tempo vergine* lill-pulizija u lill-assikurazzjoni illi din il-birra xorobha qabel ma saq u mhux wara nofsinhar.

Is-socjeta rikorrenti targumenta illi fil-kamp civili m'huwiex necessarju illi jigi prezentat ir-rizultat ta' *breathiliser test* ghaliex m'hemmx bzonn ta' prova sgjaccanti f'kawza civili li tigi ddeterminata fuq bilanc ta' probabilitajiet.

F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistghax ma tinnotax illi s-socjeta rikorrenti lanqas biss produciet espert sabiex ikun jista' jaghti hjiel jekk l-ammont li xorob van Reeven huwiex

bizzejjed biex ippogieh oltre l-limitu permess mill-ligi, u dan meta huwa risaput illi l-livel ta' intossikazzjoni m'huwiex determinat unikament mill-ammont li wiehed ikun xorob, izda wkoll mill-istatura u l-massa muskulari ta' dik il-persuna. Minkejja li l-pulizija ma ikkonkludewx fir-rapport taghhom li xammew xi riha ta alkohol fuq Reeven, jew li van Reeven deher manifestament xurban, (u dan nonostante li qattghu zmien konsiderevoli mieghu, tant li hadulu zewg verzjonijiet tal-akkadut), l-agir ta' Reeven, id-dinamika tal-incident, il-kwantum tad-danni u hsarat, il-paniku ta' Reeven li wasslu biex jirregistra rapport falz, flimkien, iwasslu ghall-probabilita' li Reeven fil-fatt saq taht influwenza ta' xorb alkoholiku oltre l-limitu stabbilit mil-ligi.

Dan bl-ebda modd ma jfisser pero illi l-intimata Jeanette van Reeven naqqset mill-obbligi kontrattwali taghha meta "ippermettiet" lil binha jsuq il-vettura assikurata mis-socjeta rikorrenti. Binha hu ta' eta maggorreni u kien sewwieq awtorizzat minnha. Ghalhekk huwa responsabbli ghall-konsegwenzi kollha emanenti mill-azzjonijiet tieghu[6] u ma hemm l-ebda *vicarious liability* li ghaliha tahti il-konvenuta. Ebda xrara ta' prova ma nghabet mis-socjeta' attrici illi turi b'xi modd, anke remot, illi meta l-intimat Alexander van Reeven ha l-karozza ta' Jeanette van Reeven, huwa kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku oltre il-limitu permess mil-ligi. Dak li jirrizulta hu illi x-xorb gie ikkonsmat diversi sieghat wara li Alexander ha l-karozza ta' ommu waqt li l-incident awtomobilistiku sehh fit-tlieta ta' filghodu tal-gurnata sussegwenti. F'ebda perjodu fuq indikat, ma kienet prezenti ghalih, Jeanette van Reeven. Ghalhekk il-premessa li Jeanette van Reeven ippermettiet lil binha isuq il-karozza taghha meta kien taht l-influwenza tax-xorb alkoholiku, mhijiex sorretta mill-provi.

Ghal regward tal-eccezzjoni numru hamsa u cioe' li d-danni reklamati huma eccessivi, din il-Qorti tgharaf illi l-kwistjoni tal-kwantum tad-danni kienet il-meritu taz-zewg proceduri ta' arbitragg u gew ikkwantifikati l-ammont ta' ghaxart elef, erbgha mija u disgha u tmenin ewro punt tlieta u erbghin centezmi (€10,489.43) in linja ta' danni, spejjez u imghaxijiet ghal dak li jirrigwarda Emmanuel Schembri u ghal ghaxart elef u hamsa u sittin ewro punt disgha u hamsin centezmi (€10,065.59) ghal dak li jirrigwarda danni, spejjez u imghaxijiet ta' Marija Katrina Schembri, apparti l-ispejjez tas-*survery report*. Illi l-intimat Alexander Van Reeven kellu jikkontesta l-ispejjez fl-istadju tal-istess arbitraggi li illum jidhru finali u

[6] Vide Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs Dr. Mark Busuttil nomine (App Civili Nru 15/2005/1 deciza fil-25 ta' Ottubru 2013)

ghalhekk jikkonstataw res judicata[7], apparti li ma ressaq ebda prova biex juri kif u fejn id-danni reklamati kienu esagerati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara illi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati huma sorvolati bid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datati 11 ta' Frar 2013 u 5 ta' Novembru 2013, tichad t-tielet eccezzjoni fil-konfront ta' Alexander Van Reeven wahdu, tilqa' r-raba eccezzjoni tal-intimati fil-konfront ta' Jeanette Van Reeven waheda u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati; u tilqa l-ewwel talba attrici limitatament fil-konfront tal-intimat Alexander Van Reeven; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00); tilqa t-tielet talba parzjalment u limitatament ghall-intimat Alexander Van Reeven u tikkundannah ihallas l-isocjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00).

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat Alexander Van Reeven.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[7] Vide fol 207 sa 210